



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15462/18

UD 326
SAN 467
COPEN 442
DROIPEN 209
ENFOCUSTOM 270

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 846 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW It- Tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk 2018–2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 846 final.

Mehmuż: COM(2018) 846 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2018
COM(2018) 846 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

It-Tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk 2018–2022

It-Tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk 2018–2022

Introduzzjoni

Il-kummerċ illeċitu tat-tabakk kienet kwistjoni ta' tħassib kbir għall-UE u l-Istati Membri għal xi żmien, u dan minħabba tħassib fiskali, tas-saħħa u dwar is-sigurtà. Biex dan il-fenomeni jiġi indirizzat l-UE ħames snin ilu adottat strateġija komprensiva¹. B'mod parallel, il-Kummissjoni kienet ressqet l-ewwel Pjan ta' Azzjoni² li ġie implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

F'Mejju tal-2017 il-Kummissjoni rrapportat³ dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni. Essenzjalment, ir-rapport innota li minkejja l-ħafna miżuri li ttieħdu mill-2013, l-isfida li joħloq il-kummerċ illeċitu tat-tabakk baqgħet inkwetanti llum daqs kemm kienet qabel. L-UE u l-Istati Membri tagħha ma għandhom ebda għażla għajr li jkomplu jindirizzaw b'determinazzjoni t-theddida tat-tabakk illeċitu u t-tendenzi tagħha li qed jinbidlu. F'dan is-sens, kombinazzjoni ta' reazzjonijiet leġiżlattivi b'saħħithom, infurzar qawwi tal-liġi u kooperazzjoni mtejbja fil-livelli nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, l-Istrateġija tal-2013 tibqa' rilevanti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li abbażi tal-analiżi attwali u d-djalogu ulterjuri mal-partijiet ikkonċernati, hija se tlesti l-evalwazzjoni tagħha ta' din l-Istrateġija u tiddeċiedi dwar is-segwitu xieraq li għandu jingħata fl-2018.

Ir-Rapport ġie appoġġjat bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-7 ta' Diċembru 2017, li identifika wkoll oqsma prijoritarji tal-Istati Membri ta' aktar ħidma f'dan il-qasam. B'mod parallel, il-Kummissjoni kompliet għaddejja bid-diskussjonijiet tekniċi mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti kompetenti u fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-partijiet interessati ġew ikkonsultati fit-23 ta' Marzu 2018 waqt konferenza pubblika *“Il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk — il-Perspettiva tal-Partijiet Interessati”* organizzata b'mod konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. F'din l-attività attendew parteċipanti tal-partijiet interessati li jirrappreżentaw spettru wiesa' ta' korpi governattivi, soċjali, tan-negozju u perspettivi akkademiċi.

Il-Parlament Ewropew f'diversi okkażjonijiet issottolinja t-tħassib serju tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk, u l-fenomeni ta' sigaretti illeċiti (“illicit whites”)⁴ b'mod partikolari, l-aktar reċenti fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2018 dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE — Ġlieda kontra l-frodi⁵. Dak ir-rapport jikkonferma l-aktar qabel ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Marzu 2016 li talbet b'mod partikolari għal pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' tali prodotti⁶.

¹ COM(2013) 324 finali tas-6 ta' Ġunju 2013.

² SWD(2013) 193 finali tas-6 ta' Ġunju 2013.

³ COM(2017) 235 finali tat-12 ta' Mejju 2017.

⁴ Dawn huma “marki” mhux affiljati ma' operaturi stabbiliti u tipikament m'għandhom ebda network ta' distribuzzjoni legali fl-UE. Prodotti bħal dawn huma fil-biċċa l-kbira tagħhom prodotti barra mill-UE. Għal ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji ewlenin ta' prodotti illeċiti tat-tabakk ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2016) 44 finali tal-24.2.2016 pp. 11–12.

⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2018 (2017/2190 (INI)).

⁶ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 (2016/2555 (RSP)).

Il-konsultazzjonijiet urew li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk tibqa' preokkupazzjoni komuni għal ħafna partijiet interessati, u l-kwistjonijiet identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2017 kienu ġeneralment meqjusa rilevanti.

It-tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk 2018–2022

Fid-dawl tad-diversi kontributi li saru, u minħabba n-natura persistenti tal-problema tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk, il-Kummissjoni ddeċidiet tressaq Pjan ta' Azzjoni ġdid. Dan jibni fuq l-analiżi tal-Istrateġija tal-2013 u jiżgura l-kontinwità billi jżomm iffokar fuq il-Prodott tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC)⁷ fil-livell globali kif ukoll fuq l-implimentazzjoni b'suċċess ta' sistema ta' traċċabbiltà ġdida tal-UE għal prodotti tat-tabakk fl-UE⁸. Dawn iż-żewġ punti huma mistennija li jibqgħu l-elementi ewlenin ta' azzjoni politika tal-UE f'dan il-qasam fit-tul. Barra minn hekk, bħal dak ta' qablu, dan il-Pjan ta' Azzjoni jippreżenta kemm miżuri ta' infurzar tal-liġi politiċi kif ukoll operattivi peress li hija biss taħlita ta' dawn li tista' twassal għal tnaqqis sostenibbli fil-kummerċ illegali tat-tabakk.

Fl-istess ħin, ibbażat fuq l-aġġornament analitiku ppreżentat fir-Rapport ta' Progress tal-2017, dan il-Pjan ta' Azzjoni qed ifittex ukoll li jsaħħaħ l-istrateġija tal-UE f'xi aspetti. B'mod partikolari, huwa jipprova jindirizza l-kummerċ illegali tat-tabakk b'mod aktar sistematiku minn perspettiva tas-suq — ibbażat fuq ir-rikonoxximent li s-suq illeċitu ta', pereżempju, is-sigarretti, jeżisti biss minħabba li hemm bejjiegħa u xerrejja għal prodotti bħal dawn. F'din il-perspettiva, dan il-Pjan ta' Azzjoni jippreżenta għadd ta' inizjattivi li huma mfassla biex irażżnu jew il-provvista jew id-domanda għal prodotti tat-tabakk illeċiti.

It-tieni Pjan ta' Azzjoni għalhekk jipproponi b'mod aktar sistematiku

- li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-Protokoll FCTC il-ġdid bħala strument globali u forum biex jitrażżan il-kummerċ illegali tat-tabakk, billi jieħu rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni tiegħu, wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll fil-25 ta' Settembru 2018;
- biex jinvolvi pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu ewlenin permezz tad-diversi oqfsa għall-kooperazzjoni disponibbli għall-UE, biex jillimitaw il-forniment li attwalment jaasal fil-fruntieri tagħna;
- li jiffukaw fuq xi materjali tal-input ewlenin li jmorru lejn il-manifattura illegali ta' prodotti tat-tabakk, li jvarjaw minn filtri tas-sigaretti u tat-tabakk mhux ipproċessat sat-tagħmir tal-manifattura u tal-imballaġġ; kif ukoll
- li titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar il-perikoli ta' xiri ta' prodotti tat-tabakk illeċiti u r-rabtiet diretti mal-kriminalità organizzata, bħala mezz biex titnaqqas id-domanda.

⁷ <http://www.who.int/fctc/protocol/en/>

⁸ Sistema ta' traċċabbiltà tal-UE hija l-ewwel sistema reġjonali ta' dan it-tip u se tapplika għall-prodotti kollha tat-tabakk manifatturati fl-UE, kif ukoll dawk manifatturati barra l-UE li jitqiegħdu fis-suq tal-UE. Din tippermetti l-monitoraġġ tal-pożizzjoni attwali ta' prodott fil-katina tal-provvista, il-ħolqien ta' reġistrazzjoni tal-ħin u l-post għall-movimenti kollha ta' dak il-prodott ("tracking"), kif ukoll li jiġu identifikati l-postijiet minn fejn għadda l-prodott biex wasal mill-orijini tiegħu (it-traċċar). Għal ħarsa ġenerali dwar Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk (2014/40/UE) tat-3.4 2014 ara

https://ec.europa.eu/health/tobacco/tracking_tracing_system_en

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-kummerċ illeċitu tat-tabakk hija attività opaka u li qed tevolvi b'mod kostanti, u dan il-Pjan ta' Azzjoni jipproponi wkoll biex ikompli jinvesti fil-ġbir u l-analiżi tal-intelligence, bħala bażi għal miri effettivi ta' politika u miżuri operattivi.

Ħafna mill-miżuri proposti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2013 kif ukoll fid-dokument preżenti jimmiraw direttament is-sigaretti illegali, u dan bir-raġun. Biex wieħed jitfa aktar dawl fuq dan il-punt: ħafna prodotti kkunsidrati sigaretti illeċiti fl-UE huma prodotti legali fil-pajjiżi ta' oriġini rispettivi tagħhom. Jekk dawk il-pajjiżi kollha jimplimentaw id-dixxiplini tal-Protokoll FCTC, b'mod partikolari s-sistema ta' traċċar u rintraċċar meħtieġa minnu, il-provvista ta' sigaretti illeċiti fis-suq tal-UE titnaqqas b'mod sostanzjali. Barra minn hekk miżuri operattivi u dawk li jiffukaw fuq in-naħa tad-domanda jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kummerċ tas-sigaretti illeċiti.

Reviżjoni u monitoraġġ

Ħames snin wara l-preżentazzjoni tal-Istrateġija komprensiva biex iżżid l-isforzi biex jiġi miġġieled il-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjaha, u fuq il-bażi tal-ewwel rapport dwar dawk l-inizjattivi ppreżentati f'Mejju 2017, dan it-tieni Pjan ta' Azzjoni huwa mfassal biex ikopri perjodu simili.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni kif ukoll l-evoluzzjoni futura tal-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk, u tkompli tirrapporta lill-Istati Membri dwar il-progress fuq bażi annwali.